MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 961/2008

Maria Formosa, mart Anthony Formosa;
John Calleja;
Carmen Pace, armla ta’ Carmel Pace;
u Grace Micallef, mart Carmel Micallef, f’isimha proprju u bhala prokuratrici ta’ Emanuela sive Nellie Lee u Anthony Calleja
vs
Mark Calleja bhala prokuratur ta’ l-assenti Michael Calleja;
u
Calidon Calleja u b’digriet ta’ l-4 ta’ Marzu, 2013 gie korrett ghal Calcidon Calleja
u
Josephine Azzopardi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimati, ahwa Calleja, huma l-eredi tal-mejtin Salvatore u Catherine konjugi Calleja, genituri tal-partijiet kontendenti, li mietu rispettivament fl-10 ta' Lulju, 1990 [Dok. A] u fil-11 ta' April, 2005 [Dok. B].

2. Illi d-defunt Salvatore Calleja ghamel testment "*unica charta*", flimkien ma' martu d-defunta Catherine Calleja, datat 11 ta' Awissu, 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza, fejn *oltre* li halla xi prelagati, innomina bhala eredi lill-kontendenti [Dok. C].

3. Illi wara l-mewt ta' zewgha, id-defunta Catherine Calleja ghamlet testment iehor datat 13 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone [Dok. D], kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti [Dok. E u F], fejn ikkonfermat lill-kontendenti bhala eredi u halliet xi prelegati li rrikonoxxiet li dawn kienu jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kellha ma' zewgha Salvatore Calleja.

4. Il-prelegati "*di cosa altrui*" mhollija mid-defunta Catherine Calleja bit-testment taghha tat-13 ta' April, 2000 huma s-segwenti:

- Il-*flat* numru tnejn (2), *Rest*, bla numru, Triq Belveder, Gzira; u d-dar numru erbghin (40), Azzopardi Street, Marsa, mhollija lir-rikorrenti Carmen Pace;

- Il-*flat* numru wiehed (1), *Rest*, bla numru, Triq Belveder, Gzira; u l-garaxx numru (10), Triq il-Kungress Marjan, Marsa, imhollija lill-intimat Calcidon Calleja;

- It-terran bl-isem *Saint Mary*, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* numru erba' (4), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; u l-fond numru sittax (16), Canon Bonnici Street, Hamrun, imhollija lill-intimata Josephine Azzopardi;

- Il-fond bl-isem Grace, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* numru sitta (6), *Saint Joseph Flats*, Naxxar Road,

Balzan; il-fond bl-isem *Nest*, Belveder Street Gzira; u l-fond numru sitta (6), Triq il-Kungress Marjan, Marsa, mhollija lir-rikorrent John Calleja;

- Il-*flat* numru tlieta (3), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* bin-numru tlieta (3), *St. Joseph Flats,* Naxxar Road, Balzan; u l-*flat* bin-numru wiehed (1), *Star,* Belveder Street, Gzira, imhollija lir-rikorrent Anthony Calleja;

- Il-*flat* numru sitta (6), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* numru erba' (4), *St. Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; u l-fond numru hmistax (15), Canon Bonnici Street, Hamrun, imhollija lill-intimat Michael Calleja;

- Il-*flat* numru wiehed (1), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* numru tnejn (2), *Star*, Triq Belveder, Gzira; il-fondi bin-numri erba' (4) u tmienja (8), Triq il-Kungress Marjan, Marsa; u dirett dominju u c-cens relattiv tal-fond numru tmintax (18), Canon Bonnici Street, Hamrun, imhollija lir-rikorrenti Maria Formosa;

- Il-*flat* numru tnejn (2), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; il-*flat* numru wiehed (1), *St. Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; il-fond "Aida", Triq Belveder, Gzira; il-fond bin-numru tnejn (2), Triq il-Kungress Marjan, Marsa; il-fond bin-numru tnejn u erbghin (42), Azzopardi Street, Marsa; u l-fond numru tmintax (18), Canon Bonnici Street, Hamrun, imhollija lir-rikorrenti Grace Micallef;

- Il-*flats* bin-numri wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3), *Saviour Flats*, Naxxar Road, Balzan u l-Fond *Tosca*, *Fleur de Lys Junction*, Birkirkara, lir-rikorrenti Emanuela *sive* Nellie Lee.

5. Illi l-partijiet kontendenti diga’ qasmu l-flus kollha li kienu jappartjenu ghad-defunti Salvatore u Catherine Calleja, mal-mewt ta’ l-imsemmija Catherine Calleja. Barra minn hekk, gie sollevat illi whud mir-rikorrenti u anke whud mill-intimati, bi qbil tal-partijiet kontendenti, gia hadu fil-pussess esklussiv taghhom certi mobbli li wkoll kienu prelegati, in parte “*di cosa altrui*”, li halliet lilhom id-defunta Catherine Calleja bit-testment taghha tat-13 ta’ April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone [Artikolu 3].

6. Illi ghalhekk il-partijiet kontendenti accettaw b’mod tacitu li l-eredita` tal-konjugi Calleja kienet regolata principalment mit-testment ta’ Catherine Calleja tat-13 ta’ April, 2000.

7. Illi r-rikorrenti ma jridux jibqghu jippossjedu in komun mal-intimati l-ohra u ghalhekk jridu jaqsmu dan il-wirt u jridu li l-prelegati jigu mqassma skond il-ligi u skond it-testment tad-defunta Catherine Calleja tat-13 ta’ April, 2000.

8. Illi l-intimati kienu interpellati inutilment permezz ta’ ittra ufficjali tal-1 ta’ Lulju 2008 sabiex jimmittu fil-pussess lill-prelegatarji l-prelegati mhollija lilhom u sabiex jersqu ghall-qasma tal-eredita` tal-genituri taghhom.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-eredi tal-mejtin Salvatore u Catherine konjugi Calleja huma l-partijiet kontendenti, f’ishma indaqs bejniethom jew f’ishma verjuri kif jidrilha din il-Qorti.

2. Tordna li r-rikorrenti jigu mmessi fil-pussess tal-prelegati “*di cosa altrui*” imhollija lilhom minn Catherine Calleja bit-testment taghha tat-13 ta’ April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, liema prelegati ghandhom jitqassmu bil-mod segwenti:

- Ir-rikorrenti Carmen Pace tigi mmessa fil-pussess tal-*flat* numru tnejn (2), *Rest*, bla numru, Triq Belveder,

Gzira; u tad-dar numru erbghin (40), Azzopardi Street, Marsa.

- Ir-rikorrent John Calleja jigi mmess fil-pussess tal-fond bl-isem Grace, Naxxar Road, Balzan; tal-*flat* numru sitta (6), *Saint Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; tal-fond bl-isem *Nest*, Belveder Street, Gzira; u tal-fond numru sitta (6), Triq il-Kungress Marjan, Marsa.

- Ir-rikorrent Anthony Calleja jigi mmess fil-pussess tal-*flat* numru tlieta (3), *St. John Flats,* Naxxar Road, Balzan; tal-*flat* bin-numru tlieta (3), *St. Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; u tal-*flat* bin-numru wiehed (1), *Star,* Belveder Street, Gzira.

- Ir-rikorrenti Maria Formosa tigi mmessa fil-pussess tal-*flat* numru wiehed (1), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; tal-*flat* numru tnejn (2), *St. Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; tal-*flat* numru tnejn (2), *Star*, Triq Belveder, Gzira; tal-fondi bin-numri erba’ (4) u tmienja (8), Triq il-Kungress Marjan, Marsa; u tad-dirett dominju u c-cens relattiv tal-fond numru tmintax (18), Canon Bonnici Street, Hamrun.

- Ir-rikorrenti Grace Micallef tigi mmessa fil-pussess tal-*flat* numru tnejn (2), *St. John Flats*, Naxxar Road, Balzan; tal-*flat* numru wiehed (1), *St. Joseph Flats*, Naxxar Road, Balzan; tal-fond “Aida”, Triq Belveder, Gzira; tal-fond bin-numru tnejn (2), Triq il-Kungress Marjan, Marsa; tal-fond bin-numru tnejn u erbghin (42), Azzopardi Street, Marsa; u tal-fond numru tmintax (18), Canon Bonnici Street, Hamrun.

- Ir-rikorrenti Emanuela *sive* Nellie Lee tigi mmessa fil-pussess tal-*flats* bin-numri wiehed (1), tnejn (2) u tlieta (3), *Saviour Flats*, Naxxar Road, Balzan u tal-fond *Tosca, Fleur-de-Lys Junction*, Birkirkara.

3. Tillikwida l-assi ereditarji rimanenti li jiffurmaw parti mill-kommunita` ta’ l-akkwisti tal-konjugi Salvatore Calleja u Catherine Calleja u taqsamhom f’zewg ishma ugwali, wahda appartenenti lill-assi ereditarji tad-defunt Salvatore Calleja u l-ohra ta’ l-assi ereditarji tad-defunta Catherine Calleja, u tillikwida l-assi parafernali ta’ l-istess defunt Salvatore Calleja u Catherina Calleja rimanenti, wara l-ghoti tal-legati;

4. Tiddikjara l-assi ereditarji tad-defunt Salvatore Calleja bhala konsistenti fis-sehem ta’ l-istess Salvatore Calleja mill-komunjoni ta’ l-akkwisti kif likwidata fit-tielet talba flimkien mal-assi parafernali tieghu, dejjem neqsin l-assi mhollija b’legati skond it-tieni talba.

5. Tiddikjara l-assi ereditarji tad-defunta Catherine Calleja bhala konsistenti fis-sehem ta’ l-istess Catherine Calleja mill-komunjoni ta’ l-akkwisti kif likwidati fit-tielet talba flimkien mal-assi parafernali taghha, dejjem neqsin l-assi mhollija b’legati skond it-tieni talba.

6. Tassenja u taqsam dawn l-assi ereditarji tad-defunta Catherine Calleja bejn il-partijiet f’ishma ugwali, skond it-testmenti u skond il-ligi;

7. Tinnomina, jekk inhu l-kaz, periti nominandi ghall-fini tal-likwidazzjoni u divizjoni mehtiega;

8. Tinnomina nutar pubbliku biex f’jum, hin u lok stabbilit minn din il-Qorti, jippubblika l-att relattiv ta’ immissjoni fil-pussess tal-prelegati “*di cosa altrui*” imhollija minn Catherine Calleja bit-testment taghha tat-13 ta’ April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottore Joseph Tabone u tal-qasma ta’ l-eredita` tad-defunti Salvatore u Catherine Calleja;

9. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja u/jew l-assenti fuq l-att pubbliku relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ Lulju, 2008, u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha esponew:

1. Illi t-talbiet kif kontenuti fit-tieni talba ghal immissjoni fil-pussess tal-legati *di cosa altrui* imhollija mid-defunta Cathrine Calleja bit-testment tat-13 ta’ April, 2000 u t-talbiet l-ohra relatati ghandhom jigu michuda *stante* li l-assi ereditarji tad-defunti genituri tal-kontendenti ghandhom ma gewx divizi u di fatti l-intimati gia intavolaw precedentement ghal dawn il-proceduri rikors quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt sabiex l-assi ereditarji kif hemm elenkati jigu divizi bejn l-ahwa Calleja. Illi *inoltre* fir-rikors imsemmi t-Tribunal gie mitlub jaghti l-interpretazzjoni mehtiega qabel il-likwidazzjoni dwar kif l-assi ghandhom jigu divizi u sabiex il-legati *di cosa altrui* mhollija mill-omm jigu eskluzi *stante* li mhux validi. Illi certament li dawn il-proceduri ghandhom l-ewwel jistennew l-ezitu ta’ dawk il-proceduri ntavolati precedentement *stante* li l-mod kif issir id-divizjoni jkollu konsegwenzi li jinpingu fuq dawn il-proceduri;

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost wara l-mewt ta’ Salvatore Calleja li miet qabel l-omm Catherine Calleja, il-kontendenti kienu gia accettaw dik l-eredita` kif regolata bit-testment tal-11 ta’ Awissu, 1980 in atti Victor Bisazza u specjalment kwantu ghal fejn kien jirregola proprjeta` parafernali tal-missier. Illi ghaldaqstant, isegwi li l-legati li mbaghad issemmew bhala legati *di cosa altrui* fit-testment li wara ghamlet l-omm, u li kienu l-istess propjetajiet li nkluda l-missier ma ghandhom qatt jigu assenjati u likwidati hekk kif iddisponiet l-omm *stante* li l-istess ma humiex validi u korretti kif ser jirrizulta waqt il-kawza u li gia kienu gew accettati kif imhollija mal-apertura tas-successjoni tal-missier li miet qabel;

3. Illi mhux minnu li l-partijiet qasmu l-assi ereditarji hekk kif stipulat fit-testment li Cathrine Calleja ghamlet fit-

13 ta' April, 2000 u dana hekk kif spjegat fil-hames (5) premessa fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi;

4. Illi minghajr pregudizzju, kemm-il darba tigi michuda t-tieni (2) talba u l-assi ereditarji jigu divizi hekk kif ordnat mid-defunti fit-testmenti rispettivi taghhom l-intimati jaqblu li ghandha ssir id-divizjoni;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-intimati.

**C. PROVI:**

Xehed in-Nutar Joseph Tabone u semma:
Li l-intenzjoni tat-testatrici kienet li b'xi mod jew iehor il-post jew postijiet jghaddu fl-intier taghhom minhabba li kienu komunjoni ta' l-akkwisti originarjament.

Gie prezentat affidavit ta' Patri Valentin Calleja fejn semma:
Li l-postijiet tal-Hamrun u tal-Gzira ommu kienet tellathom bix-xorti quddiem in-Nutar Abela. Zied li fl-14 ta' Marzu, 2006, il-bank kien irrilaxxa disa' pagamenti lil hutu fl-ammont ta' Lm4,000 kull wiehed. L-istess kien sar ghall-mobbli li kien ghad fadal fid-dar tal-endituri tieghu. Semma li pprova jwassal lil hutu fi ftehim izda ma rnexxielux.

Dwar id-deheb imsemmi fis-sitt paragrafu, dan kien deheb ta' ommu.

Gie prezentat affidavit ta' John Calleja u semma li wara l-mewt ta' missieru kemm mobbli u immobbli, baghqet tgawdihom ommu Catherine Calleja. Kien sar tentattiv ta' qasma wara l-mewt ta' Catherine Calleja. Il-mobbli mhollija bi pre-legat gew mehuda skond it-testment. Semma li fost il-proprjeta` immobbli appartjententi ghall-komunjoni ta' l-akkwisti tal-genituri tieghu, hemm diversi proprjeta` li huma mikrija ghand terzi u dan fi zmien meta l-genituri tieghu kienu ghadhom hajjin.

Gie prezentat affidavit ta' Carmela Pace u semmiet li wara l-mewt ta' missierha, kollox baqa' fl-istess stat illi kien qabel mewtu u cioe` li l-proprjeta`, kemm mobbli u immobli, baghqet tgawdijhom ommha Catherine Calleja. In segwitu d-deheb li kien rimanenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tal-genituri taghha nqasam bejniethom, bi ftehim. L-oggetti mobbli ttiehdu skond kif indika Patri Valentin Calleja. Sfortunatament il-qasma ta' l-immobbli ma saritx.

Gie prezentat affidavit ta' Anthony Formosa, ir-ragel tar-rikorrenti Maria Formosa. Semma li wara l-mewt ta' missier il-mara kollox baqa' jitgawda minn omm il-mara. Il-mobbli u d-deheb u flus bankarji nqasmu bejn l-hawa. Ma ntlahaqx ftehim dwar l-immobbli. Dan gie konfermat minn martu Maria Formosa. Dawn il-fatti gew ukoll konfermati minn Grace Micallef.

Xehed Ivan Portelli bhala rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni u semma li fir-rigward ta' Salvatore s-successjoni kienet thallset.

Rat id-dikjarazzjoni tal-*causa mortis* u d-depozizzjonijiet dwarha.

Xehed Michael John Calleja u qal li dwar il-propjetajiet tal-Gzira llum hadd ma nfurmah dwarhom. Ma kienx jaf x'qed jigri mill-kirjiet. Ma kien hemm l-ebda qasmiet fil-proprjeta` wara l-mewt ta' missieru. Huh il-patri kien qalilhom x'fih it-testment izda ma ddividewx l-affarijiet. Qasmu xi fided. Ikkonferma li kien ha Lm4,000.

Xehedet Josephine Azzopardi u qalet li wara li gie nieqes missierha gew moghtija *skeleton* tal-proprjeta` li kien imisshom bhala wirt u kemm-il darba kienu ghaddew 6 xhur wara l-mewt tieghu, kien deherilha li kienu kollha mqassmin u saru taghhom. Fil-fatt id-denunzja kienet saret. Il-mama` kienet hallset nofs id-denunzja tal-papa`. Wara li mietet il-mama` hallsu n-nofs l-iehor. Kien hemm xi postijiet li ma kienux imsemmija fit-testment komuni. Wara l-mewt ta' ommha huha l-patri kien semmielhom it-tieni testment. Kienet anke rceviet proposta minghand

huha dwar il-qasma. Sfortunatament ma ntlahaqx ftehim. Hi kien messha Lm4,000 fi flus.

Xehed Nutar Charles Vella Zarb u semma li hu kien spjega l-effetti ta' l-ahhar testment ta' ommhom minhabba l-*legati di cosa altrui* u hadmilhom it-taxxa fuq il-kwota li rcevew li wirtu huma. Imbaghad kienu qed jippruvaw jaslu ghal ftehim bejniethom. Semma li kien spjegalhom li fil-*legato di cosa altrui*:
"Huwa meta t-testatrici tghid li l-proprjeta` mhix taghha u allura dik ikollha effett fuq l-eredi li jridu jaghtu jew il-proprjeta` kollha kemm hi jew inkella l-valur taghha."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***
Il-kontendenti ahwa Calleja huma ulied kif ukoll l-eredi tad-defunti Salvatore u Catherine konjugi Calleja, li mietu fl-10 ta' Lulju, 1990 u fil-11 ta' April, 2005, rispettivament.

Salvatore Calleja kien ghamel testament *unica charta* flimkien ma' martu Catherine Calleja fil-11 ta' Awissu, 1980 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor Bisazza fejn oltre li halla xi prelegati, innomina bhala eredi lill-partijiet kontendenti. Fl-ghaxar artikolu ta' l-imsemmi testament [pagna 11], it-testaturi akkordaw lis-superstiti fosthom il-fakolta` li jiddisponi diversament minn dana t-testment minghajr ma jinkorri fil-penalitajiet komminati mill-ligi. Wara l-mewt ta' Salvatore, Catherine Calleja ghamlet testment iehor datat 13 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone fejn ikkonfermat lill-kontendenti bhala eredi u halliet xi prelegati li rrikonoxxiet li dawn kienu jiffurmaw parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti li kellha ma' zewgha Salvatore Calleja. Difatti, fil-hames artikolu ta' l-imsemmi testament [pagna 3] it-testatrici tistqarr li qed tiddisponi minn hwejjeg li ma jappartjenux interament lilha imma xorta wahda trid li l-legati jigu esegwiti fl-intier taghhom.

Mix-xhieda rrizulta li l-kontendenti diga` qasmu l-flus kollha li kienu jappartjenu lid-defunti Salvatore u Catherine Calleja mal-mewt ta' l-imsemmija Catherine Calleja.

Inoltre, uhud mill-partijiet, kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati, bi qbil mal-partijiet kontendenti kollha, gia` gew immessi fil-pussess ta' certi prelegati li kienu jikkonsistu f'oggetti mobbli, in parte *di cosa altrui*, li gew imhollija lilhom minn Catherine Calleja permezz tat-testment taghha tat-13 ta' April, 2000 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.

Hemm qbil li l-eredita` tal-konjugi Calleja ghandha tigi diviza. Wara l-mewt ta' Salvatore Calleja, kollox baqa' fl-istess stat illi kien qabel mewtu u *cioe*` li l-proprjeta`, kemm mobbli kif ukoll immobbli, baqghet tgawdijhom martu Catherine Calleja fl-interita` taghhom. Wara l-mewt ta' Catherine Calleja l-partijiet qasmu l-fondi bankarji li kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Calleja. L-oggetti mobbli li gew imhollija lill-kontendenti permezz tat-testment ta' Catherine Calleja tat-13 ta' April, 2000 [it-tieni artikolu] b'titolu ta' prelegat fi pjena proprjeta` ukoll gew divizi skond l-istess testment.

***<u>D2. Kont tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni:</u>***

Il-kontendenti rcevew kont minghand il-Kummissarju tat-Taxxi Interni fir-rigward tas-successjoni *de quo*. Brigitte Grixti, rapprezentanta tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni sostniet li meta jkun hemm *legato di cosa altrui*, it-taxxa tinhadem kemm fuq il-parti tal-proprjeta` li tappartjeni ghad-defunta u kemm ukoll fuq il-parti l-ohra li ma tappartjenix lilha, ezenti sehem minn wiehed min jiritha.

***<u>D3. Kap 16 artikolu 698:</u>***

L-artikolu 698 tal-Kap 16 jghid hekk:

"698. Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b'legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kinitx tieghu kollha."

Issa fl-artikolu 5 tat-testment ta' Catherine Calleja armla ta' Salvatore, liema testment igib id-data tat-13 ta' April, 2000 [Dok D fol 20], jinghad specifikament li:

"Il-Hames artikolu

It-testatrici tistqarr li taf li qed tiddisponi minn hwejjeg li ma jappartjenux interament lilha imma xorta wahda trid li l-legati jigu ezegwiti fl-intier taghhom.”

Issa wiehed jew jaccetta jew ma jaccettax wirt; ma jistax jaccetta testment *in parte.* Meta l-kontendenti accettaw mobbli, awtomatikament accettaw il-wirt. Huwa veru li wara l-mewt tal-missier u saret id-denunzja l-kontendenti saru proprjetarji tas-sehem indiviz. Dan dejjem suggett ghall-uzufutt tal-generalita` ta’ l-assi ereditarju. Fit-tielet artikolu kienet anke saret l-ezenzjoni tal-formazzjoni ta’ l-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni preskritta mil-ligi.

Ir-rikorrenti jargumentaw hekk:
“Kien ghalhekk li l-istess partijiet kontendenti, <u>inkluz l-intimati</u> [kif gia gie rilevat aktar il-quddiem] hadu l-pussess esklussiv ta’ l-oggetti mhollija lilhom fit-tieni artikolu tat-testment tat-13 ta’ April 2000, liema oggetti <u>ukoll</u> kienu mhollija lilhom permezz ta’ *legato di cosa altrui*;”

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti predjeduta mill-Imhallef Dr. Edoardo Magri tas-16 ta’ Frar 1965 fl-ismijiet **Joseph Brincat *et* vs Maria Zammit**, pagna 734 tghid hekk:
“Li, skond l-artikolu 733 tal-Kodici Civili l-legat tal-haga ta’ haddiehor ma jiswiex hlief jekk ikun dikjarat fit-testment li t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta’ haddiehor u mhux tieghu. Fil-kaz jirrizulta li dina – id-dikjarazzjoni saret – pero` dina r-regola, minhabba d-diversita` tal-fondament guridiku taghna ma tidhirx applikabbli ghal dawk id-dispozizzjonijiet testamentarji tar-ragel li jkollhom bhala oggett taghhom beni ta’ l-akkwisti, li hija komunjoni *sui generis* (P.A., **Darmanin vs Copperstone**, 13 ta’ Awissu, 1925).

Li f’kaz simili hija applikabbli d-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 1371 li jghid li jekk ir-ragel jiddisponi mill-akkwisti b’testment, id-dispozizzjoni tieghu ghandha effett, basta l-mara tigi kompensata tas-sehem li jkun imissha (Kollezz. XXXIII,ii,142)...”

(Ara wkoll **Cassar vs Chapelle** [deciza fit-3 ta’ Jannar, 1880], **Thompson vs Galea** [deciza fis-7 ta’ Mejju, 1892,

Vol. XIII, 534], **Apap Testaferrata vs Manduca** [deciza fis-7 ta' Dicembru, 1901] u **Giovanna Carabott vs Generoso Carabott** [deciza fid-29 ta' Novembru, 1947]).

L-awtur Taljan **Ricci** jikkummenta hekk:
"*la cosa legata puo` spettare al testatore in comunione con altra o piu` persone; in questo caso, il legato e' sempre valido per la parte che sulla cosa comune spetta al testatore; e quanto alle altre parti spettanti agli altri condomini, il legato e` valido od invalid secondo che dal testamento risultanti o no che il testatore conosceva spettare non solo a lui, ma ad altri eziandio la cosa legata*;"

Ukoll fis-sentenza deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Mejju, 2004 fl-ismijiet **Agnes Borg vs Charles Zammit *et***, il-Qorti qalet:
"it-talba attrici hija gustifikata u ma hemm ebda ostakolu legali ghall-immissjoni fil-pusess minnha mitlub. Il-pussess tal-legat irid jintalab mill-werrieta [artikolu 726 tal-Kodici Civili] u jirrizulta li l-konvenuti, flimkien mal-attrici, huma l-werrieta ta' Carmela Zammit**.** Jirrizulta li t-tieni testament ta' l-imsemmija testatrici mhux qed jigi attakat minn ebda parti u kwindi, l-istess testament u l-legat imholli fih, ghandu jitqies validu u ghandu jinghata effett [ara il-kawza "**Baldacchino vs Baldacchino**", deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2003].

Minhabba dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tqis il-legati mhollija minn Catherine Calleja bhala validi, ghalkemm il-Qorti bil-fors ikollha tesprimi l-problemi li holqot lil uliedha bihom. Il-legati mhollija huma validi skond il-ligi.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Illi dwar l-ewwel eccezzjoni li t-talbiet ghandhom jigu michuda minhabba li l-assi ghadhom ma gewx divizi, il-Qorti tichad l-istess eccezzjoni minhabba li tqis il-legati validi sakemm dawn ma jaqbzux il-valur tal-legittima ta' xi whud mill-werrieta. Il-Qorti tichad ukoll li dawn il-proceduri odjerni jridu jsiru wara l-proceduri quddiem it-Tribunal ghall-Qsim tal-Wirt.

Tichad it-tieni eccezzjoni minhabba l-kuncett tal-*legato di cosa altrui* kif spjegat hawn fuq. Dwar it-tielet eccezzjoni li mhux minnu li l-partijiet qasmu l-assi ereditarju, irrizulta li xi qsim sar izda mhux certament ta' kollox. Fir-raba' eccezzjoni l-intimati qablu li ssir id-divizjoni.

Dwar it-talbiet, il-Qorti tiddikjara li l-eredi tal-mejtin Salvatore u Catherine konjugi Calleja huma l-partijiet kontendenti, f'ishma indaqs bejniethom.

Dwar it-talbiet l-ohra, il-Qorti bilfors li jkollha bzonn l-ghajnuna ta' esperti teknici (arkitett) qabel ma tista' tipprocedi ghall-pronunzjament dwarhom.

Ghalhekk tiddifferixxi l-kawza ghal informazzjoni ulterjuri ghall-5 ta' Novembru, 2013 fid-9.15 a.m. sabiex jigu kunsidrati t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------